# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

---

Minuti tas-seduta numru tmienja u sittin (68) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar l-Erbgħa 27 ta' Ottubru, 2010, fil-5:00pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Viċi Sindku |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Derren Busuttil | Segretarju Eżekuttiv |
| | Dorianne Zammit | Assistent Prinċipal |

1. Is-Sindku presjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**Tender tal-Knis tat-Toroq**

3. Dwar it-tender tal-Knis tat-Toroq is-SE rimarka li Dr. Vella, mid-Dipartiment tal-Kunsilli, ikkonfermat li d-dokument tat-tender ma jistax jiġi aċċettat bħala wieħed validu bil-formola 'non collusive tendering agreement' mhux iffirmata, ġaladarba dan id-dokument intalab speċifikament fid-dokument tat-tender.

4. Is-SE ikkonferma li d-dokument tat-tender ġie iffirmat mal-Kumpanija Innovative Projects Limited, kif stabilit fil-laqgħa preċedenti. Il-Kuntrattur ser jibda jaħdem mit-8 ta' Novembru, 2010 taħt kuntratt ta' tliet snin. Kif speċifikament intalab fil-laqgħa preċedenti, il-kuntrattur ingħata perjodu ta' *probation* ta' sitt xhur. Il-kuntrattur qabel wkoll li jiġbor annimali mejta bħal ġrieden u qtates fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa minn meta jiġu rrapportati.

5. Il-Kunsilliera diskutew l-iskeda ta' kif ser jinkinsu it-toroq fost il-ġimgħa. Il-Kunsilliera qablu li dan isir skond il-pjanta bi skeda annessa ma dawn il-minuti.

**Punti mil-Minuti**

6. Il-Kunsilliera marru fuq il-post ta' fejn ser jeħlu l-*stands* tat-tabelli informattivi mal-postijiet storiċi f'Ħal Safi. Il-postijiet ġew immarkati sabiex l-*stands* jitwaħħlu mill-ħaddiema tal-Kunsill.

**Tender Bulky Refuse**

7. Is-SE ikkonferma li s-sejħa ta' l-offerti tal-Kunsill għas-servizz ta' ġbir ta' skart goff ħarġet fil-gazzetta tal-Gvern nhar il-Tlieta 26 ta' Ottubru, 2010 u tgħalaq nhar il-Ħamis 25 ta' Novembru, 2010.

**Attivitajiet tal-Milied**

8. Il-Kunsilliera iddiskutew il-fistun li ser jitwaħħal mad-dawra tal-pjazza f'żmien il-Milied. Is-Sindku saqsa lil kumpanija Polibush sabiex jibgħatu lill-Kunsill kwotazzjoni ta' kemm jiswa biex jinxtara dan il-fistun. Is-SE rimarka li hemm bżonn nitolbu tliet kwotazzjonijiet hekk il-prezz jkun għola minn €1,164.69.

9. Dwar l-ikla li tiġi organizzata ta' kull sena mill-Kunsill lill-anzjani tar-raħal fi żmien il-Milied, is-SE ikkonferma li ma hemmx direttiva mid-Dipartiment tal-Kunsilli li dawn l-ikliet ma jistgħux jibqgħu jsiru. Il-Kunsill għandu fl-estimi finanzjarji tiegħu allokazzjoni ta' fondi għal dawn l-attivitajiet soċjali li ma tistax tinqabeż. Hemm bżonn li jintalbu tliet kwotazzjonijiet fil-każ li l-spiża tkun għola minn €1,164.69. Il-Kunsilliera qablu li l-prezz ta' din l-attivita tkun ta' €5 bħal dik ta' sentejn ilu. Il-Kunsilliera qablu wkoll li din l-attivita issir il-Ħadd 9 ta' Jannar, 2011.

10. Dwar "Christmas Party" li jiġi organizzat ta' kull sena mill-Kunsill lit-tfal tar-raħal fi żmien il-Milied, il-Kunsilliera qablu li l-prezz jkun ta €5.50 bħal dak ta' sentejn ilu. Il-Kunsilliera qablu li d-data ta' meta ssir din l-attivita tiġi deċiża l-quddiem.

**Fuljett**

11. Il-Kunsilliera intalbu jġibu l-messaġġ tagħhom għal fuljett ta' Diċembru sal-laqgħa tal-Kunsill li jmiss. Dwar ir-reklami fil-fuljett, il-Kunsilliera qablu li nibgħatu ittra lis-suplixxituri tal-Kunsill u lil ħwienet tar-raħal sabiex ninfurmawhom li l-Kunsill ser jkun qiegħed jaċetta reklami fil-fuljett mill-ħarġa li jmiss f'Diċembru u l-prezzijiet ta' dawn ir-reklami.

**Diskussjoni fuq ħatra tal-Perit Anthony Bezzina**

12. Is-Sindku rimarka li kellu diskussjonijiet mal-MEUSAC rigward l-eliġibbilita tal-Kunsill li japplika għal fondi Ewropej sabiex nirrestawrar il-ġnien ta' Ball. Is-Sindku rimarka li l-Kunsill għandu jaħtar konsulent sabiex jiggwida l-kunsill fl-applikazzjonijiet tiegħu. Is-Sindku ppropona lil Perit Anthony Bezzina għaliex għandu esperjenza ma diversi Kunsilli oħra f'dan il-qasam. Il-Kunsilliera qablu li nistaqsu lil dan il-Perit għal stima tax-xogħol tiegħu sabiex nikkunsidraw din il-

ħatra. Is-SE rimarka li hemm bżonn nitolbu tliet kwotazzjonijiet hekk l-istima tkun taqbeż €1,164.69 u jinħareġ tender hekk l-istima tax-xogħol tiegħu tkun taqbeż €4,658.75.

**Ħwejjeġ oħra**

13. Publius Abdilla rimarka li l-Headmistress talbet verbalment lil-Kunsill sabiex jagħmel is-sinjali sofor fil-ground, bil-ħaddiema tal-Kunsill. Din it-talba għanda tasal bil-miktub fil-jiem li ġejjin.

14. Publius Abdilla sugerixxa li titneħħa parti minn l-*sleeping police* li hemm fit-Triq ta' l-Ajżar sabiex jgħaddi l-ilma tax-xita. Il-Kunsilliera diskutew dan is-suggeriment u qablu li għandu jitneħħa daqs pied minn din l- *sleeping police.*

15. Publius Abdilla rimarka li tal-linja qed jitilqu mimlijja miż-Żurrieq. Is-Sindku ikkonferma li tkellem ma' l-ADT dwar din il-problema. L-ADT bagħtet lin-nies tagħha sabiex jossevaw din il-problema iżda dakinhar li ġew tal-linja ma kienetx mimlijja. Is-Sindku qiegħed f'kuntatt ma' l-ADT sabiex jerġaw jibgħatu l-persuni tagħhom jerġaw jagħmlu sorveljanza fil-jiem li ġejjin.

16. Eddie Bonello fakkar lil Kunsilliera dwar il-problema ta' bankina imkissra f'Triq il-Kuċċard sabiex il-Kunsill jieħu l-passi neċessarji sabiex din il-bankina titranġa.

17. Eddie Bonello fakkar lil Kunsilliera dwar it-Traffic Managment tad-dħul minn Triq l-Ibraġ.

18. Eddie Bonello talab lill-Kunsill jagħmel iżjed sorveljanza fejn il-bring-in-site f'Triq ta' Ġawhar permezz tas-sistema CCTV.

19. **Il-Payment Approval** Sheet No. 61 ġiet approvata.

20. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis 11 ta' Novembru, 2010.

21. Il-laqgħa ntemmet fid-9:00pm.

Approvati llum 11/11/2010

Sindku Segretarju Eżekuttiv